



## Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża C-222/12**

**A. Karuse AS**

**vs**

**Politsei- ja Piirivalveamet**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tartu ringkonnakohus)

“Trasport bit-triq — Regolament (KE) Nru 561/2006 — Obbligu li jintuża takografu — Deroga għal vetturi użati fil-kuntest ta’ attivitajiet marbuta mal-manutenzjoni tat-toroq — Vettura li tittrasporta żrar mill-post fejn issir it-tagħbija sal-post fejn isiru x-xogħlijiet ta’ manutenzjoni tat-toroq”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-13 ta’ Marzu 2014

*Trasport — Trasport bit-triq — Dispożizzjonijiet soċjali — Derogi — Obbligu ta’ installazzjoni u ta’ użu ta’ takografu — Vetturi użati fil-kuntest ta’ attivitajiet marbuta mal-manutenzjoni tat-toroq — Kunċett — Vetturi li jittrasportaw materjal sal-post fejn isiru x-xogħlijiet ta’ manutenzjoni tat-toroq — Inklużjoni — Kundizzjonijiet — Evalwazzjoni mill-qorti nazzjonali*

*(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 561/2006, Artikolu 13(1)(h))*

Il-kunċett ta’ vetturi użati b’konnessjoni mal-manutenzjoni tat-toroq, li jissemma fl-Artikolu 13(1)(h) tar-Regolament Nru 561/2006, dwar l-armonizzazzjoni ta’ ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x’taqsam mat-trasport bit-triq, liema vetturi jistgħu jiġu eżentati mill-użu ta’ takografu, għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi vetturi li jittrasportaw materjal sal-post fejn ikunu qegħdin isiru x-xogħlijiet ta’ manutenzjoni tat-toroq, sakemm it-trasport ikun marbut kompletament u esklużivament mat-twettiq tal-imsemmija xogħlijiet u jikkostitwixxi attività anċillari għalihom. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk dan huwiex il-każ billi tiegħu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha rilevanti fil-kawża.

(ara l-punt 48 u d-dispożittiv)